# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-13 ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru : 147/2021 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**KC**

**U**

**CC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet KC u CC, datat 13 ta' April 2021 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu nhar is-26 ta' Settembru 1997 u dan kif inhu evidenzjat miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. KC1;*

*Illi frott ta' dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied u ċioe' EC li huwa maġġorenni u SC li huwa minuri;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati għal aktar minn erba' snin stante li sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Joseph Debono datat l-10 t'Awwissu 2007 (ara Dok. KC2 hawn anness);*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi ai termini tal-istess kuntratt (ara klawsola numru 3A tal-kuntratt ta'*

*separazzjoni tagħhom) il-partijiet kienu ddikjaraw li ddekadew mid-dritt reċiproku li jirċievu manteniment mingħand xulxin u għalhekk l-ebda manteniment m'hu dovut bejniethom;*

*Illi r-rikorrent KC kien obbliga ruħu li jgħaddi lil martu komparenti CC s-somma mensili ta' €326.11 (LM140) bħala manteniment versu l-ulied imsemmija hawn fuq u ċioe' kwantu għal €163.05 (Lm70) kull wieħed. Il-partijiet jiddikjaraw li m'hemm ebda problema dwar manteniment;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi għal finijiet ta' prattiċita' r-rikorrenti qed jannettu l-affidavits rispettivi tagħhom ma' dan ir-rikors li qed jiġu mmarkati bħala Dok. KC3 u Dok. KC4 rispettivament;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 30 ta' April 2021 (fol 10) li permezz taghha stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KC** xehed (vide affidavit fol 7) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-26 ta’ Settembru 1997 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg subien, illum il-gurnata, wiehed maggorenni u iehor minorenni. Ikkonferma illi dan iz-zwieg filfatt ma rnexxiex u sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat l-10 ta’ Awwissu 2007, fl-atti tan-Nutar Joseph Debono. Sostna illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni u dan stante li ilhom snin mifrudin kif ukoll illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. Di piu xehed illi manteniment versu martu qatt ma kien hemm u dan ai termini tal-istess kuntratt fejn huma kienu ddekadew mid-dritt reciproku li jircievu manteniment. Ghal rigward il-manteniment ghall-ulied ikkonferma illi ma hemm ebda problema u dan peress illi kien obbliga ruhu jghaddi manteniment bhala *lump sum* lil martu. Finalment talab lil Qorti sabiex tippronunzja divorzju u dana stante li l-partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega skond il-ligi.

**CC** xehdet (vide affidavit fol 8) u kkonfermat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f’dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b’kuntratt jew b’sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Settembru 1997, liema zwieg jgib certifkat numru 1722/1997 ( vide Dok KC1, 3) u minn dan iż-żwieġ twieldu zewgt ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono fl-10 ta' Awwissu 2007 (vide kuntratt ta' separazzjoni Dok KC2 a fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar zmien rikjesti mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1722/1997 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**